MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2007

Numru 466/2004

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Christopher George Farrugia ta' 16-il sena bin Alison Jane Farrugia, imwieled fir-Renju Unit fis-7 ta' Jannar 1988 u joqgħod Rostia Court Flat 1 Cassarino Street Saint Paul's Bay u detentur tal-karta ta' l-identita' numur 011090904 (L)

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fil-lejl ta' bejn l-20 u l-21 t'Ottubru 2004 u fil-jiem t'a qabel din id-data kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur ta' l-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħu.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż l-ordni ta' l-Avukat Ġenerali ta' Ottubru 2004 u l-fedina penali ta' l-imputat, it-tweġiba tiegħu li mhux ħati meta tressaq quddiem il-Qorti

taħt arrest fit-28 ta’ Ottubru 2004; l-istqarrija magħmula mill-imputat li tidher a fol 14, 15 u 16, ir-rapport magħmul mis-Sur Godwin Sammut li ħalef fl-awla fit-18 ta’ Lulju 2005; ir-rapport ieħor li jidher mill-istess xjenzat Godwin Sammut bis-suġġett ’Pulizija vs David Julius Sciberras u Christopher Farrugia’.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni ta’ l-abbli prosekutur u ta’ l-abbli difensur.

Ikkonsidrat.

Illi fil-21 ta’ Ottubru bil-lejl għall-ħabta tan-nofs siegħa ta’ filgħodu l-pulizija tad-distrett tal-Qawra kienu qed jagħmlu xi spezzjonijiet f’The Pantheon li hu bar li jinstab fi Triq il-Gżejjer San Pawl il-Baħar. Huma raw persuna tqum bil-għaġla minn fuq il-mejda u tmur it-toilet malli dan induna bil-presenza tal-pulizija. Malli hareġ mit-toilet il-pulizija waqqfitu u saret tfittxija fit-toilet fejn instabu 4 biċċiet reżina tal-cannabis li kienu imgeżwra ġo borża tas-sigaretti. Dawn kienu elevati fil-presenza tas-suspettat Christopher Farrugia. Għall-bidu huwa nnega li l-affarijiet kienu tiegħu pero imbgħad ammetta li kienu tiegħu u sostna li dawn kienu ġew mogħtija lilu minn ċertu David Sciberras sabiex jista jgħinu jbiegħhomlu.

Mix-xhieda ta’ l-ispettur jirriżulta li huma kienu fittxew lil ċertu David Sciberras li mill-ewwel ammetta mal-pulizija li dawn kienu tiegħu u li kien ta 4 biċċiet lil Christopher Farrugia sabiex ibiegħhomlu.

Mill-istqarrija ta’ l-imputat jirriżulta illi huwa ammetta li l-4 biċċiet reżina tal-cannabis li kienu nstabu fit-toilet kienu tiegħu, kien hemm tliet biċċiet u biċċa oħra zgħira, b’kollox erbgħa. Huwa qal li dawn kien tahomlu David Sciberras u kien staqsieh jekk jistax jbiegħhomlu u l-imputat wieġeb illi iva u ħadhom. Huwa kien qallu biex tnejn minnhom, il-kbar jbiegħhom għal LM15 u l-oħra għal LM10 u l-biċċa żgħira biex fil-każ min kien jixtri l-biċċa ta’ l-LM10 jsibha żgħira jżidu dik il-biċċa. Jekk ma kienx jirnexxielu

jbiegħhom jerġa jagħtihomlu filgħaxija. Ħlas bil-flus lill-imputat ma kienx ser ikun hemm. Huwa qal li darba f'mitt qamar jieħu joint. Fl-aħħar qal li ried jagħmel pjaċir lil ħabib tiegħu u swielu deni.

Xehed wkoll PS 89 Stephen Micallef li qal illi kienu waqqfu lill-imputat hekk kif ħareġ barra l-bieb, daħal PS 676 fit-toilet biex jara x'kien hemm u x'ma kienx hemm u wara l-vasku sabu xi għamla ta' sigaretti li rriżultat li kienet xi ħaxixa jew xi droga. L-imputat għall-ewwel nnega u żammewh ġewwa l-Pantheon stess. Sakemm marru jkellmu lis-sid reġa għajjtilhom u qalilhom li din kienet tiegħu u li kien tahielu certu wieħed David biex jbiegħielu. Effettivament huma wkoll sabu lil David Julius Carmelino Sciberras li meta għamlulu tfittxija fuqu sabulu pakkett tas-sigaretti li kien fih 5 biċċiet reżina tal-cannabis.

Xehdet WPC Spiteri li kkonfermat li l-imputat kien ħareġ jiġri mill-bar u mar għat-toilet hekk kif induna li kien hemm il-pulizija. Huma għamlu tfittxija fit-toilet fejn instabu tliet biċċiet kannella qishom sigaretti imremblin fil-karti tal-lubretti. L-imputat għall-ewwel qal li mhux tiegħu u imbgħad qal li kien tahomlu ċertu David biex jipprova jbiegħhom lil sħabu. Wara David kien ammetta li kien tahomlu biss biex jipprova jbiegħhomlu.

Xehed wkoll PC1348 Joseph Campbell illi kien xhud ta' l-istqarrija.

Xehed Godwin Sammut li qal li kien hemm 4 blokki żgħar ta' lewn kannella, il-piż tal-blokki kienu 7.57grammi u nstabet is-sustanza THC li tiġi mill-pjanta tal-cannabis. Il-purita kienet ta' madwar 24%.

Xehed wkoll PS 765 Samuel Attard illi kkonferma wkoll li l-oġġetti li nstabu fil-bar The Pantheon u li l-imputat kien ammetta u beża' kif ra lill-pulizija deħlin fil-bar. L-imputat qalilhom li kien tahomlu ħaddieħor sabiex jbiegħhom.

Xehed wkoll l-analista Godwin Sammut illi kellu jiddetermina u jara hemmx xi qbil bejn żewġ dokumenti. Iż-żewġ dokumenti kienu tal-każ 'Il-Pulizija vs David Julius

Sciberras' li kellu 5 sustanzi ta' lewn kannella u 'Il-Pulizija vs Christopher Farrugia', li kellu 4 sustanzi ta' lewn kannella. Saru eżamijiet biex jiġi determinat jekk kienux ġejjin mill-istess sors. Dwar il-mechanical fit, ir-riżultat kien fin-negattiv. Dwar l-analizi kimika, din turi li hemm xebħ u differenzi żgħar klinikament u għal hekk ma tistax tintlaħaq konklużjoni li s-sustanzi ta' lewn kannella oriġinaw mill-istess sors, speċjalment minħabba li l-mechanical fit rriżulta fin-negattiv. Statistikament ma tistax tagħti riżultati konkreti speċjalment la l-mechanical fit rriżulta fin-negattiv. In-nuqqas ta' mechanical fit jeffettwa chemical fit wkoll. Biss kien hemm speċjalment meta wieħed iqis illi l-proporzjon tal-kimika marijuana u cannabidiol li huma precursor (fol 66) tiddetermina x'tip ta' pjanta hi. Hemm tliet tipi, drug type, intermediate u non-drug type. Dawn jgħidulhom chemotypes (fol 67). Huwa ha id-disa' sustanzi ta' lewn kannella u ħa l-coordination coefficient li huwa statistikament tal-proporzjon 0.97. Biex jiġi statistikament aċċettat irid ikun 0.99.

L-ispettur Joseph Mercieca qal illi huwa kien jaf bl-arrest ta' ċertu persuni fil-Pantheon bar nhar il-21 ta' Ottubru 2004 iżda ma kienx kellem lill-imputat għaliex kienu ħadu over l-investigazzjonijiet tad-drug squad.

Xehed wkoll PC 246 Vincent Cesare li qal li huma kienu ħadu over mill-pulizija tal-Qawra li kienu tawhom 4 biċċiet reżina tal-cannabis. Dawn qalulhom li kienu sabuhom fit-toilet u kienu raw lil persuna li x-xhud kien jgħaraf jiġifieri lill-imputat dieħel it-toilet, deher suspettuż u daħlu warajh fejn saritlu tfittxija u instabet din ir-reżina. Huwa qal li r-reżina ma kinitx tiegħu iżda tahielu persuna oħra biex jbiegħha.

Xhieda ta' l-imputat

Prattikament huwa rrepeta l-punti ewlenin li kien qal fl-istqarrija tiegħu lill-pulizija jiġifieri ddeskriva l-mod kif ġiet f'idejh il-cannabis kif wkoll illi dan kien biex jagħmel pjaċir lil sieħbu u li għal dan il-pjaċir spiċċa f'ħafna inkwiet.

## Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

Mill-provi jirriżulta b'mod l-aktar ċar li l-imputat kellu f'idejh erba' biċċiet tal-cannabis li kienu jiżnu 7.57 grammi u li l-purita' tagħhom kienet ċirka 24%. L-imputat ammetta li dawn kienu tiegħu waqt li diversi persuni xehdu fejn instabu dawn il-biċċiet.

Mill-istqarrija ta' l-imputat kienet tidher ċara l-intenzjoni li dawn kellhom ikunu spaċċjati. Tassew li l-imputat kien għad għandu 16-il sena u għalhekk għadu qed jimmatura u tassew ukoll li l-imputat kien ser jagħmel dan bla ma jieħu ebda flus għalkemm l-imputat seta' jieħu waħda mill-biċċiet tal-cannabis.

Minħabba li jidher li kien hemm l-intenzjoni li dawn jinbiegħu, ukoll jekk l-imputat kien ser jagħmel 'pjaċir' lil sieħbu, il-Qorti qed tiddeċiedi li l-imputat kellu pussess tal-cannabis bl-intenzjoni li jispaċċa u għalhekk il-Prosekuzzjoni ġiet ippruvat l-imputazzjoni tagħha.

Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 37 tal-Kap 9, l-artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kap 101 issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjoni dedotta kontrih.

Mill-atti jirriżulta ampjament li l-imputat għandu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap 101.

Għaldaqsant il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għal xahar priġunerija u għall-ħlas ta' multa ta' mitt lira Maltija. (Lm100).

Ai termini ta' l-artikolu 533 il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas Lm66.97, spejjeż inkorsi fil-ħatra ta' espert. (Referenza 235/05 1 ta' Ġunju 2005)

Il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tikkundanna lill-imputat għall-ispejjeż ta' l-espert għat-tieni rapport għax fuq dan il-każ ma tefa' ebda dawl ġdid.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------